**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 6 ta' April 2001.**

Avviz Nru: 891/00

Cutajar (Installations) Ltd

Vs

Jesmond Micallef

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) ammont rapprezentanti kwantu ghall-hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) bilanc minn import ta' kambjala li mmaturat fis-7 ta' Awissu 1998, u rimanenti tlett mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm375) import ta' hames kambjali bil-valur ta' hamsa u sebghin liri Maltin (Lm75) il-wahda u li mmaturaw, wahda fis-7 ta' Settembru, 1998, ohra fis-7 t'Ottubru 1998, ohra fis-7 ta' Novembru 1998, ohra fis-7 ta' Dicembru 1998 u ohra fis-7 ta' Jannar 1999. (kopja annessi Dok A, Dok B)

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra bonarja tal-20 ta' Jannar 2000 tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Frar 2000, tal-mandat ta' qbid numru 1970/00CX presentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data tal-maturita' ta' kull kambjala sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata mill-atturi fejn irriducew is-sorte ghas-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u wara li rat ukoll il-kambjalijiet originali ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) –il wahda li jirrapprezentaw il-bilanc dovut ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150), issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita' konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) l-import ta' zewg kambjali li mmatturaw wahda fis-7 ta' Dicembru 1998 u l-ohra fis-7 ta' Jannar 1999.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Jannar 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg